# Vella John at Parlament-MT

| | |
|---|---|
| **From:** | Therese Comodini Cachia <tcomodinicachia@gmail.com> |
| **Sent:** | 26 April 2018 16:13 |
| **To:** | Vella John at Parlament-MT |
| **Cc:** | Bartolo Clayton2; Bedingfield Glenn at Parlament-MT; Demarco Mario2; Debattista Deo at MJCL; Camilleri Byron; Cutajar Robert; Jason Micallef; Tabone Catherine at Valletta 2018 |
| **Subject:** | Re: Grupp Parlamentari dwar il-Kapitali Ewropea tal-Kultura |

Ghaziz Onorevoli Byron Camilleri,

Fl-isfond tad-diversi opinjonijiet li gew espressi minn artisti u persuni ohra fis-settur tal-kultura, u fl-isfond tal-petizzjoni li ffirmaw l-artisti Maltin, bhala membru fil-Grupp Parlamentari dwar il-Kapitali Ewropea tal-Kultura, qedgha nitolbok sabiex isejjah laqgha ta' dan il-grupp u fiha jigu diskussi l-passi li ghandhom jittiehdu fir-rigward tal-kontroversji li fihom hemm involut is-Sur Jason Micallef, Chairman tal-Fondazzjoni Valletta 2018.

Qedgha ukoll nitlob li ghal din il-laqgha jigu mistiedna l-artisti u rappresentanti taghhom sabiex flimkien maghhom jigi mfassal pjan li jindirizza dawn il-kontroversji. Dawn il-kontroversji huma ta' pregudizzju serju ghall-artisti, ghal Belt Kapitali Ewropea kif ukoll ghar-reputazzjoni ta' pajjizna. Huwa b'sens ta' dover li qedgha nitlob sabiex tissejjah din il-laqgha fejn niddiskutu soluzzjonijiet b'mod oggettiv u li jmur oltre l-politika partigjana.

Nemmen li l-partecipazzjoni tal-artisti u l-istakeholders fis-settur tal-kultura huwa importanti f'din id-diskussjoni halli Valletta 2018 terga tibda dgawdi l-unur li jixirqilha bhala Belt Kapitali Ewropea.

Tislijiet,

Therese Comodini Cachia